MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF VICTOR J. CARUANA COLOMBO

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2003

Kalaxlokk Company Limited

kontra

Carlo Cremona u d-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici ghal kull interess li jista' jkollu

It-Tribunal

Ra c-citazzjoni li tghid hekk:

"Peress illi l-konvenut Carlo Cremona prezenta rikors quddiem it-Tribunal Ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, Rikors Numru 610/97, fl-ismijiet Carlo Cremona vs Kalaxlokk Construction Co. Ltd. (isem sostitwit b'Kalaxlokk Company Ltd fis-seduta tat-3 ta' Gunju 1999) u Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici, liema rikors gie deciz fil-11 ta' Lulju 2002;

Peress illi jirrizultaw ragunijiet ghar-ritrattazzjoni tal-kawza;

Peress illi l-kap tas-sentenza li qed jigi attakkat huwa dak fejn l-istess sentenza irrikmandat li jsir hlas ta' kumpens ta' elf lira (LM1000) minghand is-socjeta' attrici;

Peress illi din is-sentenza applikat il-ligi hazin ai termini ta' l-artikolu 811 (e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu naqset milli tapplika l-principju naxxenti mill-artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah u kif ukoll naqset li tapplika r-rekwiziti naxxenti mill-artikolu 6 tal-Kap VIII ta' l-1997. Ai termini ta' l-artikolu 6 ta' l-Att VIII ta' l-1997 ir-rikorrent kellu jipprova li huwa garrabingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hasara ghalih, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellu igarrab minhabba l-azzjoni tas-socjeta' attrici. Jidher car li f'dan il-kuntest, it-Tribunal naqas li japplika kemm il-principju naxxenti mill-artikolu 562 indikat u kif ukoll ir-rekwiziti li jirrizultaw mill-imsemmi artikolu 6. Ma ghandu jkun hemm ebda dubju li kien jispetta lil Cremona li jipprova li s-secondment tieghu minn mal-kumpanija gie imwaqqaf minhabba xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew minhabba xi inkapacita' jew restrizzjoni li huwa kellu jgarrab minhabba xi azzjoni tas-socjeta'attrici. Minflok is-sentenza erronjament tefghet oneru ta' prova fuq is-socjeta' attrici, liema oneru s-socjeta attrici ma kellhiex. Is-sentenza hija msejsa fuq in-nuqqas ta' gustifikazzjoni da parti tas-socjeta' attrici l-ghaliex Cremona intbaghat lura lid-Dipartiment fi stadju bikri u mhux aktar tard, meta dan fil-fatt ma kienx l-ilment ta' Cremona;

Peress illi s-sentenza inghatat fuq haga mhix imdahhla fit-talba ai termini ta' l-artikolu 811(f) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ilment ta' Carlo Cremona in kwantu applikabbli fil-konfront tas-socjeta' attrici huwa biss li hu gie trasferit lura lid-Dipartiment tax-Xogholijiet. Imkien fl-istess rikors promotorju u lanqas fix-xhieda jew atti ohra processwali ma jirrizulta li l-ilment ta' Cremona kien fis-sens li huwa

kien gie trasferit lura lid-Dipartiment kmieni meta komparat ma' haddiema ohra li wkoll gew trasferiti lura lid-Dipartiment. It-Tribunal ghalhekk ma kienx korrett meta wara li ikkonsidra "r-rikorrent seta' jintbaghat lura", zied jikkonsidra u jiddeciedi li "xorta wahda s-socjeta" intimata jew minghajr raguni valida baghtet lir-rikorrent fi stadju avvanzat jew ma spjegatx ir-raguni ghaliex intbaghat kmieni. Kawza ta' dan ir-rikorrent tilef numru ta' beneficcji u t-Tribunal ihoss li l-kumpanija intimata ghandha tati kumpens lir-rikorrent ta' Lm1000." Is-socjeta' attrici ma kellhiex ghalfejn tispjega r-raguni l-ghaliex ir-rikorrent intbaghat fi stadju u mhux fi stadju iehor stante li dan qatt ma kien l-ilment tr-rikorrent;

Peress illi l-ilment tar-rikorrent qatt ma kien dak li abbazi tieghu it-Tribunal iddecieda l-kaz, u ghalhekk it-Tribunal gie li ta' lir-rikorrent  izjed minn dak li talab ai termini ta' l-artikolu 811(g);

Peress illi s-sentenza hija wkoll effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza ai termini ta' l-artikolu 811(l) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-sentenza hija bbazata fuq il-konsiderazzjoni tat-Tribunal li Cremona kien "wiehed minn ta' l-ewwel grupp li ntbaghat lura" jew li "li kien wiehed li intbaghat relattivament fil-bidu lura". Fil-fatt jirrizulta car mid-dokumenti ezebiti li fuqhom it-Tribunal kien qed jistrieh li Cremona la kien wiehed minn ta' l-ewwel grupp li intbahgat lura u lanqas ma kien wiehed li intbaghat relattivament fil-bidu lura. Mid-dokumenti ezebiti jirrizulta minghajr ebda dubju u minghajr ebda kontestazzjoni illi Cremona intbaghat lura fl-14 t'Awissu 1989 flimkien ma' hamsa u ghaxrin (25) haddiema ohra fosthom tlieta ohra li huma indikati wkoll bil-grad ta' "chargehand" bhall-istess Cremona. Jirrizulta li matul is-sena 1989 intbaghtu hdax (11) ohra qabel l-istess grupp ta' Cremona. Sebgha u erbghin (47) haddiem iehor intbaghtu lura matul is-sena 1988, fosthom grupp ta' ghoxrin (20) li telqu lkoll flimkien fit-23 ta' Mejju 1988. Tlieta u erbghin (43) haddiema ohra intbaghtu lura matul is-sena 1987, fosthom gruppi ta' disgha (9) haddiema,sebgha (7) haddiema u ohrajn. Wara Cremona gew mibghuta lura mill-kumpanija wiehed u ghoxrin (21)

haddiem matul is-sena 1989; disgha u ghoxrin (29) matul is-sena 1990; u tletin (30) matul is-sena sussegwenti sakemm illum jifdal biss haddiem wiehed mas-socjeta' attrici li huwa misluf minn Dipartiment Governattiv. Dan ma jhalli ebda dubju ghalhekk illi t-Tribunal erronjament ikkonsidra li Cremona kien minn ta' l-ewwel li intbaghat lura, meta fil-lista ezebita jirrizulta li kienu wiehed u disghin (91) haddiem li intbaghtu warajh filwaqt li l-istess Cremona messu wara mija u sitta u ghoxrin (126) haddiem iehor, b'mija u wiehed (101) minnhom intbaghtu f'dati qablu. Aktar minn hekk jirrizulta li l-istess Cremona kien l-ahhar impjegat bil-grad ta' "Chargehand" li intbaghat lura lid-Dipartiment minn mal-kumpanija, tant li abbazi ta' dan il-fatt l-istess Cremona prova johloq argument favur tieghu fin-nota responsiva tieghu. Illi ghalhekk jidher car li s-sentenza hija effett ta' zball li jidher mill-atti tal-kawza;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhux dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu ihassar, jirrevoka u jikkancella s-sentenza tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji tal-11 ta' Lulju 2002 fl-ismijiet Carlo Cremona vs Kalaxlokk Company Limited (Rikors Numru 610/97) u jordna li l-kawza terga tinstema' mill-gdid skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut Carlo Cremona ingunt ghas-subizzjoni."

Ra n-nota ta' l-eccezzjonijiet tad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici li tghid hekk:

"Illi fid-decizjoni li qed tigi mpunjata moghtija fil-11 ta' Lulju 2002, l-esponeneti gie mehlus minn kull htija u responsabilita' u liema parti tad-decizjoni ghaddiet in judikat u l-anqas ma tifforma mertu ta' din l-azzjoni ta' ritrattazzjoni stante li m'hu qed jigi addebitat xejn mill-attur odjern fil-konfront tal-eccipjenti u ghalhekk filwaqt li huwa jirrimetti ruhhu ghal kull eventwali decizjoni, huwa m'ghandux ibaghti spejjez ta' din l-istanza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Ra n-nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Carlo Cremona li tghid hekk:

1. “Illi, preliminarjament, ir-ritrattazzjoni hi nulla stante li jekk tkun ibbazata fuq l-artikolu 811(e), din m’ghandiex tkun fuq interpretazzjoni ta’ ligi kif deciza fid-decizjoni, kif kien il-kaz de quo:

2. Illi mhuwiex minnu li s-sentenza inghatat fuq xi haga li ma kinitx inkluza fit-talba ai termini ta’ l-Artikolu 811(f) tal-Kap. 12. L-ilment tal-konvenut li sakemm dam impjegat mas-socjeta’ attrici huwa tilef diversi beneficcji u promozzjonijet u li s-socjeta’ attrici ttrasferietu lura minghajr ebda raguni valdia jirrizulta car mir-rikors originali tal-konvenut.

3. Illi lanqas ma jinkwadra ruhu t-tielet aggravju tas-socjeta’ attrici, u cioe’ li l-Onorabbli Tribunal ta lill-konvenut izjed milli kien talab. It-talba fir-rikors kienet li “...*jinghata rimedju billi jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ mhux aktar minn Lm5,000*”, mentri l-kumpens lilu likwidat kien dak ta’ elf Liri Maltin (Lm1000).

4. Illi dwar l-ahhar aggravju, dak illi s-sentenza hija wkoll effett ta’ zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tla-kawza ai termini ta’ l-Artikolu 811 (1) tal-Kap 12, jinghad illi ma sar l-ebda zball mit-Tribunal.

5. Illi ghaldqstant, in vista tal-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes socjeta’ attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Ra l-atti l-ohrajn, komprizi dawk tar-rikors numru 610/97 fl-istess ismijiet premessi deciz minn dan it-Tribunal fil-11 ta’ Lulju 2002, u l-gurisprudenza indikata mill-partijiet fin-noti taghhom ta’ riferenzi, u sema’ s-sottomissjonijiet ta’ l-Avukati.

Jikkonsidra illi:

1. Is-socjeta' attrici qieghda titlob li tigi annullata d-decizjoni fuq imsemmija tal-11 ta' Lulju 2002 biex ir-rikors jigi ritrattat. Din ir-ritrattazzjoni qieghda tigi mitluba fuq erba' motivi, cioe' dawk il-motivi kontemplati fil-paragrafi (e), (f), (g) u (l) ta' l-artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Prcedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet).

**L-Ewwel Motiv – l-artikolu 811 (e) – applikazzjoni hazina tal-ligi**

2. Dan l-artikolu jiddisponi li kawza tista' tigi ritrattata "jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin." L-artikolu jkompli jghid: "Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizzjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-Qorti tkun espressament tat decizjoni."

3. Is-socjeta' attrici timmantjeni li d-decizjoni in kwistjoni applikat il-ligi hazin ai termini ta' l-artikolu 811(e) msemmi "in kwantu naqset milli tapplika l-principju naxxenti mill-artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah, kif ukoll naqset li tapplika r-rekwiziti naxxenti mill-artikolu 6 tal-Kap (recte ta' l-Att) VIII ta' l-1997. Ai termini ta' l-artikolu 6 ta' l-Att VIII ta' l-1997 ir-rikorrent (il-konvenut odjern Cremona) kellu jipprova li huwa garra ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellu jgarrab minhabba l-azzjoni tas-socjeta' attrici."

4. Il-fatti fil-qosor huma dawn. Il-konvenut Carlo Cremona kien gie sekondat mid-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici ghas-socjeta' attrici Kalaxlokk Company Limited, u fl-1989, wara li kien ilu madwar hdax-il sena jahdem ma' din is-socjeta', gie trasferit lura ghall-imsemmi Dipartiment. Cremona, billi hass ruhu aggravat b'dan it-trasferiment, ipproceda quddiem dan it-Tribunal

bir-rikors li gie konkluz bid-decizjoni oggett tal-procedura odjerna.

5. Kwantu ghall-ewwel motiv fuq imsemmi tar-ritrattazzjoni, is-socjeta’ attrici tissottometti li kien jispetta lil Cremona li jipprova li s-*secondment* tieghu minn mas-socjeta’ attrici kien gie mwaqqaf minhabba xi distinzjoni, eskluzjoni jew minhabba xi inkapacita’ jew restrizzjoni li huwa jkun garrab minhabba xi azzjoni tas-socjeta’. Minflok, tallega s-socjeta’ fic-citazzjoni, id-decizzjoni de qua tefghet l-oneru tal-prova fuq l-istess socjeta’, liema oneru din bil-ligi ma kellhiex. Is-socjeta’ attrici ssostni li d-decizjoni hija msejsa fuq in-nuqqas ta’ gustifikazzjoni da parti tas-socjeta’ ghaliex Cremona intbaghat lura lid-Dipartiment fi stadju bikri u mhux aktar tard, meta dan fil-fatt ma kienx l-ilment ta’ Cremona.

6. Fir-rigward tal-motiv in ezami jigi notat il-bran segwenti mid-decizjoni in kwistjoni.

“Fil-meritu inghad min-naha tal-kumpanija li r-rikorrent (Cremona) kien biss sekondat u mhux impjegat u li numru kbir ta’ persuni li kienu sekondati kienu qeghdin jigu mibghutin li l-kumpanija intimata kienet mghobbija b’impjegati zejda. Mill-provi rrizulta li dan il-fatt huwa veru izda rrizulta li r-rikorrent kien il-126 impjegat li ntbaghat lura. Raguni mis-socjeta’ intimata ghaliex ir-rikorrent intbaghat f’dak l-istadju u mhux aktar tard lura ma nghatatx u ghalhekk jidher car li r-rikorrent kien wiehed minn ta’ l-eewl grupp li ntbaghat lura. Infatti rrizulta li kien gie trasferit lura fl-1989. Il-kumpanija helset facilment mir-responsabiltajiet billi tghid li kien hemm numru zejjed u b’ebda mod ma tat ir-ragunijiet ghaliex ir-rikorrent kien wiehed li ntbaghat relattivament fil-bidu lura. Jekk stess kien hemm raguni valida ghal din id-decizjoni din ma waslitx quddiem it-Tribunal u ghalhekk taht dan l-aspett ghalkemm it-Tribunal isib li r-rikorrent seta’ jintbaghat lura xorta wahda s-socjeta’ intimata (Kalaxlokk) jew minghajr raguni valida baghtet lir-rikorrent fi stajdu avanzat jew ma spjegatx ir-raguni ghaliex intbaghat kmieni.”

7. Huwa pacifiku li "biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq il-motiv ta' applikazzjoni hazina tal-ligi, jehtieg essenzjalment illi, mehud il-fatt kif stabbilit fis-sentenza, id-decizjoni ma tkunx skond il-ligi…" (Vol XLIII.I.268.) Issa, il-fatt stabbilit fid-decizjoni impunjata, kif jidher mill-bran citat hawn fuq fil-paragrafu 6, huwa li Carlo Cremona "kien wiehed minn ta' l-ewwel grupp li ntbaghat lura." Il-konstatazzjoni ta' dan il-fatt mhix censurabbli f'din il-procedura. Bl-osservazzjoni, kontenuta fl-istess bran citat, fis-sens li s-socjeta' ma pproducietx raguni valida li ghaliha kienet baghtet lil Cremona lura fi stadju avanzat, ma jidhirx li t-Tribunal wera li sposta l-oneru tal-prova ghal fuq is-socjeta' allura intimata. Jidher, minflok, li t-Tribunal, b'dik l-osservazzjoni wera li kien tal-fehma li s-socjeta' ma rribattietx il-prova tal-fatt imsemmi. Dik il-fehma tat-Tribunal, fil-gudizzju odjern, hija insindakabbli.

8. Mill-kompless tad-decizjoni precedenti jidher li f'dik id-decizjoni t-Tribunal kien tal-fehma li bit-trasferiment tieghu lura ghad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici Carlo Cremona kien garrab ingustizzja fit-termini ta' l-artikolu 6 ta' l-Att VIII ta' l-1989. L-anqas din il-fehma ma hi sindakabbli f'dan il-gudizzju. Ghalhekk it-talba tas-socjeta' attrici mhix sostenibbli fuq l-ewwel motiv ghar-ritrattazjoni.

## It-Tieni Motiv – artikolu 8119(f) – extra petita

9. Dan l-artikolu jiddisponi li kawza tista' tigi ritrattata "jekk is-sentenza tkun giet moghtija fuq haga mhix imdahhla fit-talba." F'dan ir-rigward is-socjeta' attrici tissottometti: "L-ilment ta' Carlo Cremona in kwantu applikabbli fil-konfront tas-socjeta' attrici huwa biss li hu gie trasferit lura lid-Dipartiment tax-Xogholijiet. Imkien fl-istess rikors promotorju u l-anqas fix-xiehda jew atti ohra processwali ma jirrizulta li l-ilment ta' Cremona kien fis-sens li huwa kien gie trasferit lura lid-Dipartiment kmieni meta komparat ma' haddiema ohra li wkoll kienu gew trasferiti lura lid-Dipartiment. It-Tribunal ghalhekk ma kienx korrett meta wara li kkonsidra li '*r-rikorrent seta' jintbaghat lura,'* zied jikkonsidra u jiddeciedi li *'xorta*

*wahda s-socjeta' intimata jew minghajr raguni valida baghtet lir-rikorrent fi stadju avanzat jew ma spjegatx ir-raguni ghaliex intbaghat kmieni. Kawza ta' dan ir-rikorrent tilef numru ta' beneficcju u t-Tribunal ihoss li l-kumpanija intimata ghandha tati kumpens lir-rikorrent ta' Lm1000.'* Is-socjeta' attrici ma kellhiex ghalfejn tispjega r-raguni l-ghaliex ir-rikorrent intbaghat fi stadju u mhux fi stadju iehor stante li dan qatt ma kien l-ilment tar-rikorrent." (Ara paragrafu 5 tad-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici.)

10. Din is-sottomissjoni tas-socjeta' attrici tirrigwarda kjarament il-"causa petendi," il-provi u atti ohra tal-procediment precedenti li mhumiex it-talba. Il-motiv tar-ritrattazzjoni previst fl-artikolu 811(f) hawn fuq citat jirrigwarda biss it-talba. Fir-rikors promotorju Carlo Cremona talab "li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux akatr minn Lm5,000…" Fid-decizjoni mpunjata t-Tribunal jirrakkomanda li Cremona jigi kompensat bil-hlas ta' elf lira. Ovvjament din id-decizjoni giet moghtija fuq haga mdahhla fit-talba. B'hekk it-talba attrici ghar-ritrattazzjoni fuq il-motiv ta' decizjoni extra petita mhix sostenibbli.

**It-Tielet Motiv – l-artikolu 811(g) – ultra petita.**

11. Dan il-motiv huwa kontemplat fl-artikolu 811(g) tal-Kapitolu 12 li jiddisponi li r-ritrattazzjoni tista' tigi mitluba "jekk bis-sentenza jkun gie moghti izjed minn dak li ntalab." Kjarament it-talba attrici fuq dan il-motiv mhix sostenibbli. Effettivament fil-waqt li fir-rikors promotorju Carlo Cremona talab kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn hamest elef lira, fid-decizjoni precedenti gie rakkomandat li Cremona jigi mhallas elf lira.

**Ir-Raba' Motiv – l-artikolu 811(l) – decizjoni effett ta' zball**

12. L-imsemmi artikolu 811(l) tal-Kapitolu 12 jiddisponi li jkun motiv ta' ritrattazzjoni "jekk is-sentenza kienet effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza. Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-

suppozizzjoni ta' xi fatt li l-verita' tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-suppozizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita' tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza."

13. Fir-rigward ta' dan il-motiv is-socjeta' attrici tissottometti li d-decizjoni minnha impunjata "hija bazata fuq il-konsiderazzjoni tat-Tribunal li Cremona kien *'wiehed minn ta' l-ewwel grupp li ntbaghat lura'* jew li *'li kien wiehed li ntbaghat relattivament fil-bidu lura.'* Fil-fatt jirrizulta car mid-dokumenti esebiti li fuqhom it-Tribunal kien qed jistrieh, li Cremona la kien wiehed minn ta' l-ewwel grupp li nbaghat lura u l-anqas ma kien wiehed li ntbaghat relattivament fil-bidu lura." Is-socjeta' attrici, wara li ccitat diversi cifri u dati minn dokumenti esebiti fl-atti tar-rikors fuq imsemmi, ikkonkludiet li dawk id-dettalji ma jhallu "ebda dubju ghalhekk illi t-Tribunal erronjament ikkonsidra li Cremona kien minn ta' l-ewwel li ntbaghat lura… ghalhekk jidher car li s-sentenza hija effet ta' zball li jidher mill-atti tal-kawza." (Ara paragrafu 7 tad-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici.)

14. Id-dokumenti EM1, EM1A, EM1B, EM1C u EM1D esebiti f'pagni minn 35 sa 39 ta' l-atti tar-rikors numru 610/97 fuq imsemmi, fihom lista ta' persuni li kienu jahdmu mas-socjeta' attrici u li x-xoghol taghhom mas-socjeta' kien gie terminat, kif ukoll id-data tat-terminazzjoni rispettiva ta' kull wahda minn dawk il-persuni. Minn dawn id-dokumenti jirrizulta li x-xoghol ta' Carlo Cremona gie terminat fl-14 ta' Awwissu 1989, flimkien ma sitta u ghoxrin persuna ohra fl-istess data. Mill-istess dokumenti jirrizulta li x-xoghol mas-socjeta' ta' numru ta' persuni ohra gie terminat f'diversi dati fil-perijodu mit-2 ta' Jannar 1987 sa l-1 ta' Awwissu 1989, cioe' qabel gie mibghut Cremona, u x-xoghol ta' ohrajn gie terminat f'diversi dati fil-perijodu mill-25 ta' Settembru 1989 sa l-1 ta' Frar 1999 cioe' wara li gie mibghut Cremona.

15. Jigi notat li fid-decizjoni impunjata t-Tribunal ighid li Cremona kien "wiehed minn ta' l-ewwel grupp li ntbaghat lura" mhux "wiehed mill-ewwel grupp." Ighid ukoll li Cremona kien "wiehed li ntbaghat relattivament fil-bidu lura," u mhux li kien intbaghat propju fil-bidu. Kjarament dawn it-termini jindikaw apprezzament da parti tat-Tribunal tal-fatti li jirrizultaw mill-atti processwali. Tali apprezzament ma hu "xejn affattu censurabbli ghall-finijiet tar-ritrattazzjoni." (Vol XLII.I.227.) Ghalhekk l-anqas fuq ir-raba' motiv ma hi sostenibbli t-talba attrici.

**Eccezzjoni tad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici**

16. Hija gusta s-sottomissjoni ta' dan il-konvenut li ma ghandux ibati spejjez ta' din l-istanza.

Ghall-motivi premessi jichad it-talbiet tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kollha kontra taghha.

--------------------------------TMIEM--------------------------------